MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Numru 20/2011

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Christopher Philip Agius**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 20 tas-sena 2011, kif korretta skont sentenza ta' din l-istess Qorti diversament preseduta, tat-23 ta' Jannar, 2012, kontra l-akkużat Christopher Philip Agius, [detentur tal-karta tal-identita` numru 20102 (L) ] li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010), l-pulizija ġew infurmati minn Maria Muscat nee Briffa li hi kienet ġiet aggredita minn żewġ persuni fejn kien sar tentattiv biex jitteħdilha l-ġiżirana li kienet liebsa f'għonqa dak il-ħin. Hi filfatt stqarret li fil-kors ta' dan it-tentattiv subiet ħsarat f'din il-ġiżirana u di piu hi sofriet ukoll ġrieħi ta' natura gravi fuq il-

persuna tagħha senjatament f'minkbejha apparti tbenġil fil- parti leminija ta' ġisimha fejn il-ġrieħi f'minkbejha ġew iċċertifikati li x'aktarx iħallu debulezza permanenti. Matul l-investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li fost dawn il-persuni involuti f'dan ir-reat kien hemm l-akkużat Christopher Philip Agius.

Illi rriżulta li dakinhar tat-22 ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tal-bejn il-ħamsa u s-sitta ta' wara nofs inhar (5:00pm – 6:00pm ċirka), Maria Muscat, mara ta' ħamsa u sittin sena (65), kienet bilqegħda fi Pjazza fil-belt Valletta fejn innutat lill-akkużat idur l- akkwati għal madwar għoxrin minuta (20). Hi minn hemmhekk qasmet għal fuq mejda ta' Café Cordina u wara madwar ħames minuti l- akkużat Agius flimkien ma' persuna oħra aggredixxa lil Maria Muscat nee Briffa u bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta' serq aggravat wera dan il- ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ġibdilha l- ġiżirana tad-deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin. Filfatt din il-ġiżirana tqaċċtet minn fuq il-persuna tal-vittma u hi sfat mitfugħa mal-art bis- siġġu b'kollox fejn sofriet ferita gravi f'minkbejha apparti tbenġil fil-parti leminija ta' ġisimha u fejn il-ġrieħi f'minkbejha ġew iċċertifikati li x'aktarx iħallu debulezza permanenti.

Illi jirriżulta li l-vittma fil-kors ta' dan it-tentattiv ta' serq, affaċjat lill- akkużat u b'hekk l-malviventi telqu jiġru minn fuq il-post dak il-ħin. Hi filfatt kienet f'posizzjoni li tagħraf liż-żewġ delinkwenti fosthom l-akkużat u tidentifikhom skont il-liġi bħala l-individwi li kkommettew dan it-tentattiv fuqha u fuq il-propjeta' tagħha. Fortunatament, il-ġiżirana waqgħet mal-art u għalhekk minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta' tal-akkużat Agius u l-persuna li kienet miegħu r-reat ta' serq aggravat ma ġiex eżegwit. Di piu' li kieku dan id-dellitt ġie esegwit kien ikun aggravat bil-valur tal-ħaġa misruqa li tesorbita l-ammont ta' mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u bil-vjolenża kontra l-persuna ta' Maria Muscat.

Illi b'għemilu Christopher Philip Agius sar ħati li fit-22 ta' Awwissu 2010, fil-Belt Valletta, fil-ħinijiet indikati, bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta' serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee Briffa, mara ta' l-fuq minn sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall- eżekuzzjoni ta' dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Christopher Philip Agius ħati talli bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta' serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee Briffa, mara ta' 'l fuq minn sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall- esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta' mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37); talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux iktar minn għoxrin sena (20) iżda mhux inqas minn ħames snin priġunerija (5) skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-liġi tingħata għall- ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi akkużat Christopher Philip Agius kiser il- kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-

Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl- ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta' April tas-sena elfejn għaxra (2010), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe' fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u s-sitta ta' wara nofs in-nhar (5:00pm-6:00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, l-akkużat volontarjament uża vjolenza waqt l-aggressjoni fuq il-persuna ta' Maria Muscat nee Briffa, u dan sabiex jipprova jisraq il-ġiżirana tad-deheb li hi kienet liebsa dak il-ħin stess. Illi b'riżultat ta' din il-vjolenża, Maria Muscat nee Briffa, ġiet ċċertifikata li qed tbati minn ġrieħi ta' natura gravi fejn sofriet ferita gravi f'minkbejha apparti tbenġil fil-parti leminija ta' ġisimha u fejn il-ġrieħi f'minkbejha ġew iċċertifikati li x'aktars iħallu debulezza permanenti. Di piu dawn il-ġrieħi ġew ikkawżati meta' l-aggressuri u ċioe l-akkużati kienu qedgħin jissarraw mal-vittmi bl-intendiment li joħdulha l-ġiżirana li filfatt tqaċċtet minn mal-persuna tagħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Christopher Philip Agius sar ħati talli kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x'aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, u liema persuna għalqet l-eta' ta' sittin sena.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Christopher Philip Agius, ħati talli, kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x'aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, u meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tmintax-il xahar (18) u mhux iktar minn għoxrin sena

(20) priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 218(1)(a)(2), 222A, 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

U peress illi l-imsemmi akkużat Christopher Philip Agius kiser il- kundizzjoni lilu imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl- ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta' April tas-sena elfejn għaxra (2010), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt iċ- ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel kap ta' dan l-att tal-Akkuża u ċioe' fit- tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall- ħabta ta' bejn il-ħamsa u s-sitta ta' wara nofs in-nhar (5:00pm-6:00pm ċirka) ġewwa l-Belt Valletta, irriżulta li fil-kors tal-aggressjoni kontra l- persuna ta' Maria Muscat nee Briffa, l-akkużat flimkien ma persuna oħra volontarjament qaċċat il-ġiżirana li kienet liebsa f'dak il-mument biex jipprova jisraqhielha minn fuqha, tant li b'riżultat din il-ġiżirana inkisret u ma tistax tissewwa. Il-valur tal-ġiżirana mkissra appartenenti lill-vittma kienet tammonta għal iktar minn mitejn Lira Maltin equivalenti għal madwar erba mija ħamsa u sittin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87).

Illi b'għemilu l-imsemmi Christopher Philip Agius sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmija Christopher Philip Agius, ħati talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli

b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47); talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall- piena ta' priġunerija minn ħames xhur (5) sa sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l- imsemmija akkużat.

U peress illi l-imsemmi Christopher Philip Agius kiser il-kundizzjoni lilu imposta bis-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Christopher Philip Agius datat it-12 ta' April tas-sena elfejn għaxra (2010), talab li jiġi applikat l-artikolu 23(1)(b) ta' l-Att dwar il-Probation (Kap 446) fil-konfront tiegħu biss.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Christopher Philip Agius, tal-15 ta' Jannar, 2014, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali talbu li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih – ikkonsidrata wkoll l-alternattiva li tidher fil-paragrafu li ġej - il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija għal perjodu ta' erba` (4) snin u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 u l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali a fol 80 tal-proċess li biha in vista tal-possibilita' t'ammissjoni tal-akkużat fit-termini tar-rikors konġuntiv tal-15 ta' Jannar 2014 iddikjara li huwa dispost li f'każ li l-akkużat jammetti r-reat ta' tentattiv ta' serq aggravate bil-vjolenza iżda taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali huwa jaċċetta din l-ammissjoni bħala alternattiva għall-aggravju tal-vjolenza taħt l-artikolu 218

fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża kif preżentement miġjuba. U dan filwaqt li għall-bqija jżomm ferm il-kapi fl-istess Att tal-Akkuża u għall-aggravji l-oħra kif miġjuba.

Rat illi waqt is-seduta tal-jum tat-28 ta’ Jannar 2014, l-akkużat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuża bl-alternattiva kif suġġerita mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tal-15 ta’ Jannar, 2014, wieġeb billi stqarr li huwa kien ħati tar-reat taħt l-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali skont l-alternattiva mogħtija mill-Avukat Ġenerali ghar-reat taht l-artikolu 218 fil- Kap tal-Akkuża.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li tagħmel skont l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-akkużat baqa’ jtenni t-tweġiba li huwa kien ħati tal-akkuzi kollha.

Tiddikjara għalhekk lill-ħati Christopher Philip Agius, ħati talli:

1. fit-22 ta’ Awwissu, 2010, gewwa l-Belt, Valletta, bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta’ serq ta’ ġiżirana minn fuq il-persuna ta’ Maria Muscat nee Briffa, mara ta’ ‘l fuq minn sittin (60) sena, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-dellitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta’ tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta’ sittin sena u bil-valur li jiskorri s-somma ta’ mitejn tnejn u tletin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€232.49) iżda ma jiskorrix l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.
2. fit-22 ta’ Awwissu, 2010, gewwa l-Belt, Valletta, kkaġuna ferita ta’ natura gravi fuq persuna, billi kkaġuna jew x’aktarx ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem, u meta l-persuna

offiża għalqet l-età ta’ sittin sena,  u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.
3. fit-22 ta’ Awwissu, 2010, gewwa l-Belt, Valletta, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), imma huwa iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża.

Qieset (i)  li l-ammissjoni saret qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero’ ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-ħati u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

(ii)  li t-tieni u t-tielet kap tal-Att tal-Akkuża jistgħu jitqiesu bħala mezz għall-fini ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

(iii)  li l-piena li ngħatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi reċentement  biex ikun jista’ jinżamm certu proporzjon u relativita’ fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat.

(iv)  li l-piena li sar qbil fuqha bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża hija fil-parametri tal-Liġi.

Għalhekk din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 41(1)(a), 216(1)(a)(ii)(iii), 222A, 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3),  325(1)(b), 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati Christopher Philip Agius għall-piena ta' erba` (4) snin priġunerija.

Inoltre tikkundannah iħallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' import tal-ispejjeż peritali inkorsi f' din il-kawża u ċioe’ seba` w tletin Ewro u tlieta w ghoxrin Ewro ċentezmu (€37.23) import ta’ sehmu ta’ nofs l-ispejjez komuni li kienu jirrigwardaw kemm lilu kif ukoll lil ko-

akkużat l-ieħor liema spejjeż peritali jekk ma jitħallsux jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

Tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiddisponi mill-każ deċiż minn din il-Qorti nhar it-12 t'April, 2010 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Christopher Paul Agius' u dan ai termini tal-artikolu 23(1) (b) tal-Kap 446.[1]

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

L-artikolu 23(1)(b) tal-Kap 446 jiddisponi hekk:

[1] *b*) jekk tkun qorti differenti, għandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta' *probation*, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' *probation* u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon tagħha taddikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret
l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat.
.